MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Numru. 37/2013

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO HABER**

**KONTRA**

**Keita Makan, 24 sena, nazzjonalita' Mali, imwieled f'Kokobo, il-Mali nhar il-21 ta' Jannar, 1988, iben Sara Keita u Domboro, numru moghti mill-Pulizija 11D-090;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Keita Makan** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-13 ta' Jannar, 2013, u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil

f'karta tal-identita' Taljana jew uza jew kellu fil-pussess tieghu karta tal-identita' Taljana li hu kien jaf li giet iffalsifikata, imbiddla jew sar xi tibdil fiha, f'isem Paul Magassaouba bin-numru AS7890296 (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. U aktar talli matul l-istess zmien, lok, u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat fl-istadju tal-prezentata b'arrest, u dan wara li gie moghti zmien xieraq skont il-Ligi sabiex jerga' jahseb dwar l-istess.

Rat l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u kif ukoll l-Artikolu 32(1d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal piena karceraraja effettiva ta' sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------